MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2255/2003

**Middlesea Insurance p.l.c kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Pace sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Emanuel Pace**

**vs**

**Charles Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm348.60) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-15 ta' Lulju 2002 f' Mannarino Road, B'Kara, bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAT 567 misjuqa mill-konvenut u propjeta' tal-istess konvenut u l-

vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF 517 misjuqa minn u propjeta’ ta’’ Emanuel Pace, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-imsemmi ncident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta osservanza tar-regolamenti tat-rtaffiku da parti tal-istess konvenut.
Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi tal-konsult legali, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huwa ma kienx jahti ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Sema’x-xhieda ta’ John Lentini, Emanuel Pace u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta’ Lulju 2002, f’Mannarino Road, B’Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF 517 misjuqa minn Emanuel Pace, l-assikurat tas-socjeta’ attrici, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAT 567 misjuqa mill-konvenut.

Emanuel Pace xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu f’Mannarino Road, B’Kara sejjer lejn l-Imsida u dan b’velocita’ ta’ madwar tletin (30) mil fis-siegha. Malli wasal f’dik il-parti tat-triq fejn hemm it-tarag li jaghti ghal VAT Department min-naha ta’ wara giet il-vettura tal-konvenut mid-direzzjoni opposta, daret quddiemu u laqtiltu bin-naha ta’ wara taghha fuq quddiem man-naha tax-xellug. Pace spjega li huwa kien ra l-vettura tal-konvenut meta din kienet ghadha qed tipponta lejn B’Kara u rega’ raha meta din laqtitu. Huwa qal li huwa qatt ma pretenda li l-konvenut kien ser jaqbad u jdur ghal quddiemu, u cioe’ jaghmel U –Turn.

Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li huwa kien qed isuq f'Msannarino Road sejjer fid-direzzjoni ta'B'Kara u meta wasal f'dik il-parti tat-triq fejn hemm it-tarag li jaghti ghal VAT Department, waqaf, ra li ma kienux gejjin vetturi u dar lejn il-lemin ghaliex lemah vettura hierga minn parking space u ried jidhol minflokha. Il-konvenut isostni li waqt li kien qed jistenna lil din il-vettura tohrog mill-parking, giet il-vettura tal-attur u laqtitu fuq in-naha tax-xellug ta' wara. Il-konvenut jghid li kien ilu wieqaf madwar seba' sekondi meta qala' d-daqqa. Huwa jghid ukoll li qabel ma dar huwa kellu vizwali fit-tul hafna fid-direzzjoni li kien gej minnha Emanuel Pace. Dejem skond il-konvenut il-vettura tieghu kellha biss parti zghira minn wara fuq Mannarino Roa fil-mument li sar l-impatt.

Minn ezami tal-provi jidher li l-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo. Huwa minnu li f'dik il-parti tat-triq hemm interrupted white line li kient tippermettielu li jdur u jaqsam gahn-naha l-ohra tat-triq izda huwa veru wkoll li huwa seta' jaghmel din il-manuvra biss wara li jkun esplora adegwatament it-triq u accerta ruhu li ma jkunux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta biex b'hekk huwa ma jkunx qieghed jimblukkalhom il-karreggjata fil-mument li jaghzel li jdur. Jidher li l-konvenut ma zammx dan il-proper lookout qabel ma dar u qasam gahnn-aha l-ohra tat-trq ghaliex altrimenti kien jinduna bil-vettura tal-attur gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa jghid li kellu vizwali fit-tul mid-direzzjoni li kien gej minnha Pace izda jghid ukoll li qasam meta ra li ma kienux gejjin vetturi. It-Tribunal ghalhekk jirritjeni li l-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex kredibbli u jirritjeni li dak li effettivamnet gara kien li l-konvenut lemah il-vettura hierga mill-parking space man-naha l-ohra tat-triq u peress li ried jidhol minn flokha huwa qabad u dar minghajr ma zamm a proper lookout ghal vetturi gejjin mid-direzzjoni ta' Mannarino Road. Emanuel Pace fil-fatt xehed li huwa ra l-vettura tal-konvenut sejra fid-direzzjoni ta' B'Kara u mbaghad f'daqqa wahda rega' ra lil din il-vettura fil-mument li laqtitu. Dan jindika li l-konvenut qabad u dar f'daqqa minghajr ma accerta ruhu li seta' jeffetwa dik il-manuvra minghajr ma johloq perikolu ghal

vetturi li kienu qed jipprocedu lejn l-Imsida, kif fil-fatt kien qed jaghmel l-attur.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi producew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talbiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas llil-atturi s-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm348.60), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkuzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata konteswalment mal-Avviz ghandhom jigu sopportati ntermanet mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------